**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lianne Bonello)**

**vs**

**Najmi Ramandan K Enakuaa**

**Illum 18 ta' April 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Najmi Ramandan K Enakuaa** billi huwa akkuzat talli nhar is-17 ta' Marzu 2019, ghall-habta ta' 7.30pm, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja, naqas milli jiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien qieghed igorr mieghu is-somma ekwivalenti ghal €10,000 jew izjed fi flus kontani, filwaqt li huwa kien hiereg minn Malta fuq titjira ghal Istanbul, fit-Turkija, bi ksur ta' Artiklu 3 tal-Ligi Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitlu 233 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu kif registrata fis-seduta datata llum 18 ta' April 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:-**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement ippruvata, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati taghha.

Il-Qorti rat ukoll il-Fedina Penali ta' l-imputat li tinsab ezebita fl-atti tal-process u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li hija wahda netta u li skuza ruhu li bi zvista qabez l-ammont permissibbli bi ftit.

Il-Qorti rat li l-imputat ikkopera b'mod shih mal-pulizija u ammetta ghall-imputazzjoni fi stadju bikri hafna ta' dawn il-proceduri u cioe' fl-ewwel opportunita' mghotija lilu

B'referenza ghall-imputazzjoni l-Qorti tosserva illi l-imputat gie akkuzat li "naqas milli jiddikjara" li kellu flus in eccess ta' €10,000.

Is-subregolament (2) tar-regolament 3 ta' l-Avviz Legali 149/2007 jipprovdi: **"L-obbligazzjoni li tigi dikjarata kull somma bhal dik imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma ssehhx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tapplika ghal dan il-kaz li tidher fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u**

**tipprezenta dik il-formula lill-Kontrollur meta tkun diehla jew hierga minn Malta, jew ghaddejja fi transit minn Malta."**

Mill-provi jirrizulta li l-imputat naqas milli jipprezenta tali formula.

Il-ligi hi wahda pubblikata u pubblicizzata u japplika bis-shih il-principju *ignorantia juris neminem excusat*. Kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[1]:

> **"It is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it .... This rule is absolute. Therefore, no invincible ignorance or error will serve for justification .... Moreover, the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners."**

Il-Qorti semghet li l-imputat seta ma kienx a konoxxenza tal-projbizzjoni in kwistjoni, izda anke jekk verament l-imputat ma kienx jaf bl-obbligu impost fuqu mil-ligi kemm-il darba jkun diehel Malta b'aktar minn €10,000, il-ligi hi dik li hi u *dura lex sed lex*.

Issa, skond is-subregolament (4) tar-regolament 3 ta' l-Avviz Legali 149/2007, il-multa hija ekwivalenti ghal 25% **"tal-valur ... tal-flus li jkunu qeghdin jingarru"**. Il-flus li kien qieghed igorr l-imputat huwa ghaxart'elef mitejn u temin ewro (€10,280). Hamsa u ghoxrin fil-mija ta' dan l-ammont hu elfejn hames mija u sebghin ewro (€2570).[2]

DECIDE:

Ghalhekk il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elfejn hames mija u sebghin ewro (€2570).

---

[1] Notes on Criminal Law, 1960 edit. p. 95 – 96.

[2] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Olian Chikh Ali** deciz fit-12 ta' Novembru 2008.

Il-Qorti qieghda ukoll tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' mitejn u tmenin ewro (€280) u dan ai termini tar-Regolament 3(5) ta' l-Avviz Legali 149/2007.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**